MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 388/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**KONTRA**

**EMAN AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Eman Agius ta’ 22 sena, bin Carmelo u Anna nee’ Delia, mwieled 4 ta’ Gunju 1988, residenti 53, Flat 2, Triq Cospicua, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 266988M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fid- 19 ta' Dicembru 2010, ghall- habta tat- 03.00hrs gewwa Triq l- Imdina, Attard;

1) Saq vettura bin- numru tar- registrazzjoni GBD 649 b' manjiera traskurata u bla kont;

2) Talli saq b' giri aktar milli jmissu;

3) B' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- art jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Sefora Sciortino skont kif icceritifika Dr. Paul Zammit M. D. Reg 3242 mill- MDH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza kien semplici incident stradali fejn l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura misjuqa minnu u haba f' vetturi ohra pparkeggjati ma' genb it-triq minn fejn kien ghaddej, bil-konsegwenza li t-tfajla tieghu, li kienet riekba mieghu fin-naha tal-passiggier, sofriet griehi gravi mal-habta. Mil-provi prodotti jidher li l-imputat ma kellu ebda raguni ghalfejn tilef il-kontroll tal-vettura. Ma giex stabbilit li hu kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Jirrisulta biss li hu tilef il-kontroll tal-vettura, u ghalhekk l-incident hu wiehed sfortunat. Madankollu l-Qorti bil-fors trid issib htija fih ghal dak li kkaguna griehi involontarji fuq il-persuna ta' Sefora Sciortino.

Kwantu ghal sewqan traskurat jew perikoluz, il-Qorti m'hix ser issibu hati, izda xi forma minima ta' nuqqas bil-fors li kellu, ghax kieku dan l-incident qatt ma kien jigri. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-incident kollu u tal-fedina penal ital-imputat, il-Qorti ma tarax li dan kien xi incident ta' gravita' jew ta' konsegwenza, u ghalhekk il-Qorti sejra tkun miti mal-imputat fil-piena fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 15 (1) (a) (2) tal- Kapitolu 65, MVR 127 L.S 65.11, Sec 226 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibux hati tal- ewwel (1) u t- tieni (2) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.
Issibu hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------